38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021
Imejl: niexemptionsfortcn.dss@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
*Freephone* 153

# Eżenzjoni għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi milli jirreġistraw taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.)

## Ħarsa ġenerali

Il-persuni ċittadini ta' pajjiżi terzi (impjegati) jistgħu jitolbu li jkunu eżentati milli jirreġistraw f'Malta taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.), sakemm ikunu qegħdin iħallsu kontribuzzjonijiet tal-istat f'pajjiżhom.

Ċertifikat ta' Eżenzjoni jinħareġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li jeżenta liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (l-impjegati) milli jirreġistraw f'Malta.

## X'ser jingħata

Il-persuni ċittadini ta' pajjiżi terzi (impjegati) għandhom jirċievu Ċertifikat ta' Eżenzjoni mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li jeżenta milli jħallsu Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali f'Malta.

Madankollu, min iħaddem jeħtieġ li jirreġistra l-impjieg tal-persuni ċittadini ta' pajjiżi terzi mal-Kummissarju tat-Taxxi u mal-Jobsplus, għalkemm huwa awtomatikament eżentat mis-sehem tiegħu tal-kontribuzzjonijiet tal-Klassi 1 tal-persuni ċittadini ta' pajjiżi terzi.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

- Għandhom permess uniku (residenza u xogħol) validu, jew applikaw ma' *Identity Malta*
- Assigurati fil-pajjiż terz tagħhom ma' istituzzjoni nazzjonali

## Dokumentazzjoni meħtieġa

Dokumentazzjoni ġenerali:

- Permess uniku (residenza u xogħol) maħruġa minn Identity Malta, jew ittra ta' konferma tar-reġistrazzjoni jekk il-permess ikun għadu mhux disponibbli
- Irċevuta tal-aħħar pagament tal-kontribuzzjoni tal-istat mill-istituzzjoni nazzjonali fil-pajjiż terz tiegħu

## Kif tapplika

Imla u ssottometti l-applikazzjoni onlajn.